# Kunsill Lokali Ta' Kerċem

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Kerċem

IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 525

Il-Ħamis, 7 ta' Jannar, 2021

Il-Kunsill Lokali Ta' Kerċem iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Pjazza Orvieto, Ta' Kerċem, fil-5.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Mario Azzopardi – Sindku
Horace Vella – Kunsillier
Frankie Attard – Kunsillier
Abigail Micallef – Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ

SKUŻATI B'APOLOĠIJA:

Paul Mizzi- Viċi Sindku
Alvin Grech – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marianne Sagona – Segretarju Eżekuttiv

**Pjazza Orvieto, Ta' Kercem KCM 1360, Gozo**
*Tel:* **21563666** *Fax:* **21563888**
*e-mail:* **kercem.lc@gov.mt**

## Minuti

Is-Sindku Mario Azzopardi ippresjeda l-laqgħa.

## 525.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

Il-Viċi Sindku Paul Mizzi talab li jkun skużat minħabba raġunijiet ta' saħħa. Il-Kunsillier Alvin Grech talab ukoll li jkun skużat mil-laqgħa tal-lum minħabba raġunijiet ta' xogħol. Ħadd ma sab oġġezzjoni.

## 525.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Inqraw il-minuti tal-laqgħa preċendenti. Dawn ġew approvati u iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 525.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

525.3.1 Is-Sindku qal illi dwar il-kanni li twaħħlu ġol-bejt taċ-Ċentru Ċiviku, tkellimna ma' uffiċjali tal-Ministeru għal Għawdex u qalulna li ser jerġgħu ikellmuna sabiex titranġa l-problema.

525.3.2 Dwar il-problema tat-trakkijiet, is-Sindku qal li wasal iż-żmien illi l-Kunsill jagħmel pjan ta' kif ser jimxi fuq din il-problema.

525.3.3 Dwar il-bus shelter, il-Kunsill ippreżenta żewġ kwotazzjonijiet: waħda ta' Eur900 u oħra ta' Eur2,675. Dan ix-xogħol jinvolvi biss il-ħadid. Għalhekk il-Kunsill għażel l-irħas kwotazzjoni.

525.3.4 Is-Sindku fakkar illi llejla wara l-laqgħa tal-Kunsill, il-Kunsill ser ikollu laqgħa formali mal-Emm. Tiegħu il-Kardinal.

525.3.5 Wara li bħalissa hemm xogħolijiet pendenti ġewwa r-raħal minn naħa tal-Ministeru għal Għawdex, is-Sindku qal li kellu laqgħa magħhom sabiex dawn l-istess xogħolijiet jingħataw l-importanza tagħhom.

525.3.6 Il-Kunsill iddiskuta illi ser ikun qed jitlob stima ta' CCTV għall-Għadira ta' San Raflu sabiex tkun qed isservi bħala sigurta' għal dan is-sit. Meta tinġabar l-istima ser nitolbu l-finanzjament tagħha lil Eko Għawdex.

525.3.7 Il-Kunsill irċieva l-allokazzjoni għas-sena 2021 li ser tkun ta' Eur302,597.

525.3.8 Is-Sindku fakkar illi l-Kunsill Lokali tagħna, flimkien ma' Kunsilli oħra, kien ġie affettwat b'varjazzjonijiet fil-proġett ta' Miżura 4.3. Minħabba dan, konna tlabna l-għajnuna finanzjarja tal-Ministeru għal Għawdex iżda rċevejna risposta illi mhux ser ikunu qed jagħtu għajnuna.

525.3.9 Il-Kunsill irċieva l-aħħar kont ta' Triq ta' Doti mingħand il-kuntrattur u għalhekk dan ser jgħaddi għall-pagament.

525.3.10 Is-Sindku qal li qed jidħlu ħafna lmenti fuq is-sitwazzjoni ta' Triq Santa Luċija, kemm

ta’ toqob u anke tat-trakkijiet. Il-Kunsill bħalissa m’għandux soluzzjoni għal din il-problema iżda qed jagħmel pressjoni mal-Ministeru għal Għawdex sabiex jaħdem fuq is-soluzzjoni li qed jagħti l-Kunsill.

525.3.11 Il-WSC tawna l-istima tal-estensjoni tas-servizz tal-ilma fi Triq Għajn Tuta u issa qed nistennew l-istima tal-estensjoni tas-servizz tad-drenaġġ.

525.3.12 Dwar il-parking tal-ambulanza li kien applika għalih il-Kunsill fejn il-grawnd tal-futbol, il-President ta’ Kercem Ajax ma jridx il-parkegg quddiem il-bieb tal-grawnd. Madanakollu, TM u l-GFA iriduh quddiem l-entratura tal-grawnd sabiex ikun aċċessibli.

525.3.13 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi reġa’ talab laqgħa ma’ TM dwar ir-roundabout ta’ Triq Kerċem.

525.3.14 Is-Sindku qara ittra illi bgħatna lill-Prim Ministru ta’ Malta u lill-Ministru għal Għawdex dwar il-problema tat-trakkijiet għaliex il-Kunsill issa ma jistax jissaporti aktar u r-residenti li għandhom din il-problema wara biebhom ma jifilhux aktar. Is-Sindku qal li din l-email ġiet ikkupjata lill-Awtoritajiet kollha konċernati u reġa’ saħaq li issa l-Kunsill irid jaħseb fi pjan għax ħadd mhu qed jagħti każ il-Kunsill Lokali.

525.3.15 Is-Sindku qal li ġejna nfurmati mill-Ministeru għal Għawdex illi l-barriers ta’ Triq Wied il-Lunzjata ser ikunu qed jeħlu fil-ġimgħat li ġejjin.

## 525.4 Pjan t’Azzjoni dwar it-trakkijiet tal-barrieri

Is-Sindku qal li dawn it-trakkijiet issa m’għadhomx problema iżda saru ġerħa. Huwa semma bankini, bollards, ħitan, toroq – kollox imkisser. Hawn ħafna li jridu jsemmgħu leħinhom dwar din il-problema u l-Kunsill għandu s-sapport anke tal-Kappillan. Is-Sindku żied jgħid illi wasal iż-żmien li ningħaqdu ssir laqgħa pubblika, ovvjament wara din is-sitwazzjoni tal-Covid-19, u joħroġ kollox fuq il-media. Sar qbil anke li wara l-mewġa tal-Covid-19, il-Kunsill għandu jieħu din l-azzjoni.

## 525.5 Miżura 4.3

Kif diġa’ ġie diskuss qabel, l-għajnuna li konna tlabna lill-Ministeru għal Għawdex minħabba l-varjazzjonijiet ta’ dan il-proġett, mhix ser tkun qed tingħata mill-Ministeru.

## 525.6 Performance bonus għas-sena 2020

Il-Kunsill iddiskuta l-performance bonus tas-Segretarju Eżekuttiv, tal-Assistant Principal u tal-Iskrivana u kulħadd qabel li jingħata kollu.

## 525.7 Ilmenti u Suġġerimenti

525.7.1 Il-Kunsillier Frankie Attard talab li terġa' teħel mera fi Triq Santa Katerina tal-Qabbieża. Il-Kunsillier Horace Vella semmiha ukoll u kulħadd qabel li terġa' teħel.

525.7.2 Persuna talbet li ssir cat shelter fi Ġnien Ċensu Xiberras. Għalhekk ser issir talba lill-Ministeru tal-Agrikultura u Drittijiet tal-Annimali.

525.7.3 Saret talba sabiex jinbidel xi madum ta' bankina li tkisser bit-trakkijiet fi Triq l-Avukat Anton Calleja. Ħadd ma sab oġġezzjoni.

525.7.4 Saret talba sabiex jingħata ftit konkos fejn il-lok ta' Spiteri minħabba li hemm il-ħofor fit-triq. Sar qbil li nitolbu lil tal-Gvern.

## 525.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

Ġew approvati l-pagamenti li kien hemm pendenti.

## 525.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa ntemmet fis-5.50pm u ġiet aġġornata għall-Ħamis 4 ta' Frar 2021 fil-5pm.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Mario Azzopardi | Marianne Sagona |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |